SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 56-19**

**15 ta' April 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Liam Sciberras
Il-Kunsilliera Caroline Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**56.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**56.1.1** Is-Sindku qara l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera Liam Sciberras u Caroline Galea.

**56.1.2** Is-Sindku qara wkoll *e-mail* mibgħuta mill-Kunsilliera Caroline Galea. Fl-*e-mail* tagħha s-Sinjura Galea appellat lill-Kunsill biex b'rispett lejn ir-residenti u lejn Kunsill ġdid li ser ikun elett f'Mejju li ġej, kull deċiżjoni li taffettwa il-komunita' ta' Santa Luċija għandha tiġi postposta għal wara l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tiġi kkunsidrata u deċiża mill-Kunsill il-ġdid. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid ikompli jieħu d-deċiżjonjiet sal-aħħar u rrefera għal sejħiet għall-kuntratti u l-proċess li għaddej bħalissa dwar l-evalwazzjoni tagħhom. Huwa qal li għandu jkun hemm kontinwita' f'dan ir-rigward.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 55-19**

**56.2.1** ***Proposta ta' Bus Terminus f'Dawret it-Torri***
Saret referenza għall-minuta 55.2.1 tal-Laqgħa preċedenti u l-Viċi Sindku ippropona li din il-venda jkun jisimha "Ground" minflok "Gardenja". Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha issir talba lill-Transport Malta fuq din il-proposta.

**56.2.2** ***Suġġeriment numru 05-2019***
Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 55.2.2 u qal li it-tabelli fil-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout għadhom ma ġewx mgħottija.

**56.2.3** ***Proposta Kors tal-Arti***
Saret referenza għall-Minuta 55.4.1 u s-Sindku qal lis-Sur Soler għandu jiġi għada ħalli jitħejja programm dettaljat ta' din il-proposta.

**56.2.4** ***Project Funds***
Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 55.4.3 u staqsa jekk ġewx il-fondi mir-Reġjun. Is-Sindku qal lir-Reġjun ħareġ *commitment letter* f'dan ir-rigward.

**56.2.5** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Joseph Bonello***
Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 55.9.2 u fakkar fis-*sign* fi Triq Inez Soler li kellu jiġi rranġat. Is-Sindku qal li l-ħaddiema li kienu assenjati mar-

Reġjun għandhom jerġgħu jiġu iżda ser jara jekk dan jistax isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**56.2.6** ***Talba għal akkumulazzjoni ta' leave għas-sena 2020***

Is-Sindku rrefera għall-minuta 55.4.10 u dwar il-kliem 'sal-massimu ta' siegħat kif indikat fil-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill' u ppropona li dan għandu jitneħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjegata, fit-talba tagħha, ma qalitx kemm trid tħalli *leave* għas-sena d-dieħla u waqt il-laqgħa issemmew biss ftit ġranet. Hija qalet li għaldaqstant hekk tista tieħu sal-massimu li huwa tmienja u erbgħin siegħa li flimkien mal-*leave* ta' sena sħiħa jammonta għal mitejn u sitta u ħamsin siegħa.

**56.2.7** **Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 55-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**55.3** **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**56.3.1** ***Xiri ta' aktar siġġijiet u mejda għad-Day Care Centre***

Il-Kunsill laqgħa talba li saret minn uffiċjal li tmexxi ċ-Ċentru għall-Anzjani ta' Santa Luċija, biex jinxtraw għaxar siġġijiet u mejda oħra peress li żdiedu l-anzjani li qed jattendu dan iċ-Ċentru.

**56.3.2** ***Kwotazzjoni għal xiri ta' lampi ġodda***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni għal xiri ta' lampi biex jinbidlu dawk li hemm fil-preżent fi Pjazza Dorell. Is-Sindku qal li l-prezz ta' dawn il-lampi li huwa ta' €600 + Vat kull lamp, li jinkludi l-arblu u t-twaħħil. Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn li jsir *embellishment* totali ta' din il-Pjazza u dik ta' Triq il-Ġilju/Freżja. Huwa qal li l-Kunsill għandu jgħamel dawn l-arbli bil-lampi f'postijiet oħra u semma l-Pjazza fi Triq Freżja u Ġilju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-perit irid iħejji *sketch* ta' fejn il-Kunsill irid jagħmel minn dawn il-lampi ħalli jsir il-*procurement* tagħhom. Hija qalet li l-proġetti li ppropona l-Viċi Sindku jistgħu jiġu nklużi fil-Business Plan li ħejja Kunsill ġdid.

**56.3.3** ***Kwotazzjoni għal xiri ta' bins***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' erba' bins oħra li jammontaw għas-somma ta' €1,217,62 liema spiża ser tkun koperta mill-fondi tal-Urban Improvement Fund.

**56.3.4** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM56-19 għall-perjodu bejn il-25 ta' Marzu 2019 u t-8 ta' April 2019 u minn *cheque* numru BOV 7567 sa *cheque* numru BOV 7582.

**56.4** ***Financial Statements u Audit Adjustments***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*Financial Statements* għas-sena 2018 wara li sar il-proċess tal-awditjar. L-awdituri resqu aġġustament wieħed relatat ma' *shortage fees* tal-Wasteserv. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan aġġustament u l-Financial Statements ġew approvati mill-Kunsill.

**56.5** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**56.5.1** ***Measure 4.3***

Il-Kunsill iddiskuta żewġ proposti li ngħata fir-rigward tal-proċedura tal-ħlas għax-xogħol ta' kisi ta' toroq rurali taħt Measure 4.3. Il-Kunsill iddiskuta din il-proċedura u qabel li jistenna l-*feedback* fir-rigward taċ-*Change Request Form* biex jipproċedi billi jitrasferixxi l-fondi fis-CBM biex isir il-ħlas lill-kuntrattur biex wara l-Kunsill ikun jista' jitlob ir-rimbors tal-fondi skond il-ftehim taħt din il-miżura.

**56.5.2** ***Bus Terminus f'Dawret it-Torri***

Is-Sindku tkellem dwar il-Bus Terminus f'Dawret it-Torri u nforma l-Kunsill li l-venda ser tiġi minflok il-*loading/unloading bay* ta' quddiem il-ħwienet. Qamet diskussjoni u ġie deċiż li l-bankina tiġi estiża biex il-*loading/unloading bay* issir aktar 'il fuq fit-triq. Għandha ssir laqgħa mal-Perit f'dan ir-rigward.

**56.5.3** ***Proġett tal-Promenade***

Is-Sindku ressaq żewġ proposti li ħejja l-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett tal-*promenade* f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli. Huwa ta spjegazzjoni dwar dawn il-proposti. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul u ġie nnutat li mhux qed jissemmew il-ħitan li jridu jinbnew fuq in-naħa tal-wied. Il-Kunsill qabel li l-perit għandu jlesti disinn artistiku dwar it-tieni proposta.

**56.5.4** ***Ċirkulari SPI 6-2019 – Għaqal id-Dar Ħajja Aħjar***

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**56.5.5** ***Ċirkulari SPI 5-2019 – Rebbiegħa fil-Komunita'***

Is-Sindku nforma li l-Kunsill ingħata tlett *vouchers* għal xiri ta' pjanti fir-rigward ta' din l-inizjattiva. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jrid isir pjan dwar x'inizjattivi ser jieħu l-Kunsill fit-tlett toroq li bihom il-Kunsill ser jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Hija fakkret ukoll li l-Bord tal-Għażla ser jibda jispezzjona

dawn it-toroq fl-20 ta’ Mejju 2018 għaldaqstant kollox irid ikun lest sa din id-data. Kien hemm diskussjoni fit-tul f’dan ir-rigward u kien hemm qbil li jinżabru s-siġar, isiru d-dwal bil-*floodlights* u jsiru *planters* għall-fjuri fit-toroq involuti. Is-Sindku qal li l-għada ta’ din il-laqgħa ser ikollu laqgħa ma’ rappreżentant tal-ELC f’dan ir-rigward.

**56.5.6** ***Project Funds – Reġjun Nofsinhar***

Is-Sindku semma l-fondi tar-Reġjun u nforma l-Kunsill dwar *Commitment Letter* li ħareġ ir-Reġjun fir-rigward ta’ dawn il-fondi. Fuq talba tal-Viċi Sindku, il-*Commitment Letter* ġiet ippreżentata fuq il-mejda għal attenzjoni tal-Kunsill. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li b’dawn il-fondi għandu jinbidel is-*safety matting* li hemm ġol *playing field* u bil-fondi li jibqgħu jiġu rrangati l-bankini f’Dawret it-Torri.

**56.5.7** ***Ċirkulari AKL-2019-036 – Bicycle Parking Racks***

Il-Kunsill innota Ċirkulari dwar *Bicycle Parking Racks* u saret diskussjoni dwar il-possibilita’ li dawn jiġu ntrodotti f’diversi postijiet f’Santa Luċija bħal *shopping centres*.

**56.5.8** ***Active Ageing Centres***

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni għat-talba tad-Dipartiment għall-Anzjanita’ Attiva u Kura fil-Komunita’ biex isiru sinjali informattivi kull fejn hemm Ċentri għall-Anzjani.

**56.5.9** ***Ċirkulari AKL 2019-39-Inizjattiva b’kollaborazzjoni ma’ Heritage Malta***

Il-Kunsill qabel li jkun parteċipi f’din l-inizjattiva fejn l-anzjani jiġu l-Kunsill biex jirreġistraw fi skema li permess tagħha jkunu jistgħu jidħlu f’siti storiċi u mużewijiet mingħajr ħlas u magħhom jistgħu jieħdu żewġ żgħażagħ li wkoll jidħlu mingħajr ħlas.

**56.5.10** ***Reklamar ta’ Ġnien is-Serenita’***

Il-Kunsill qabel ma’ proposta biex isir reklam għal użu ta’ Ġnien is-Serenta’ fid-Direttorju – Our Wedding.com.mt għal perjodu ta’ sena sa Ġunju 2020 għar-rata ta’ €195.00+VAT.

**56.5.11** **MSPCA**

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-inizjattiva tal-MSPCA biex tipprovdi sezzjonijiet edukattivi fuq *animal welfare*

**56.5.12** ***Refreshing ta' sinjali tat-traffiku fuq parking bays għal persuni bi bżonnijiet speċjali.***

Fir-rigward ta' talba li saret mill-Viċi Sindku fir-rigward ta' *refreshing* ta' *parking bays* biż-żebgħa *blue*, is-Sindku qal li ser isir eżerċizzju minn Transport Malta fuq dawn it-tip ta' sinjali.

**56.5.13** ***Applikazzjoni tal-ERA fir-rigward ta' siġar taż-Żebbuġ***

Fir-rigward ta' talba li saret mill-Viċi Sindku fir-rigward ta' siġra taż-Żebbuġ li s-sid jixtieq jagħti lill-Kunsill, kien hemm qbil li l-Kunsill iġib il-permess tal-ERA biex tinqala din is-siġra u tiġi *replanted* f'area oħra f'Wied Garnaw. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li qed titħejja applikazzjoni biex jiġu *uprooted* siġar oħra taż-Żebbuġ biex jiġu *replanted* f'Wied Garnaw.

**56.5.14** ***Talba biex isir poġġaman***

Fir-rigward ta' proposta li saret mill-Viċi Sindku fir-rigward ta' talba biex isir poġġaman fit-taraġ li hemm fid-dħul tal-*playing field* minn Triq Inez Soler, is-Sindku qal li dan jista' jsir minn ħaddiem tal-Kunsill li ġieli għamel dan ix-xogħol.

**56.5.15** ***Measure 1 – Restoration of Assets of Artistic and Cultural Value.***

Is-Sindku rrefera għall-proposta tal-Viċi Sindku biex li l-Kunsill japplika taħt din il-Measure 1 biex isir ir-restawr tal-Kappella ta' Santa Luċija minn ġewwa. Is-Sindku qal li jidhirlu li din il-Kappella diġa kienet ġiet irrestawrata. Il-Viċi Sindku għandu jkellem lill-persuna responsabbli minn din il-Kappella dwar dan ir-restawr.

**56.5.16** ***Ilmenti/suġġerimenti tar-residenti***

Is-Sindku semma tlett ilmenti/suġġerimenti tar-residenti. Il-Kunsill iddiskuta u ġie deċiż li:

Fir-rigward tas-suġġeriment bir-referenza 13-2019 ġie nnutat li l-problema ta' dawl mhux adeġwat quddiem Blk 4 Triq il-Ġnien, ser tiġi ndirizzata fl-eżerċizju li ser isir mill-Enemalta biex jinbidlu l-lampi kollha eżistenti.

Fir-rigward ta' suġġerimenti bir-referenza 15-2019 qamet diskussjoni dwar talba biex jitneħħew il-*bollards* ta' bejn Triq Stellamaris u Pjazza Dorell u biex ma tingħalaqx Triq Żinja u Triq Ġjaċinti minħabba l-mużew. Il-Kunsill irrefera għat-tneħħija tal-*bollards* u qabel li jinvestiġa din is-sitwazzjoni minħabba li jista jkun hemm min jabbuża.

Fir-rigward ta' suġġeriment bir-referenza 16-2019 il-Kunsill ser jara hux possibbli li jsiru *covers* tal-kanal tal-ilma fi Trejqet il-Ġirasol.

**56.6 Kuntratt Re: SLLC PC(57-19-01) Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija bl-użu ta' Prodotti Favur l-Ambjent**

Is-Sindku ressaq r-rapport ta' evalwazzjoni wara li saret l-evalwazzjoni mill-kumitat fuq din is-sejħa. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**56.7 Kuntratt Re: SLLC BR(57-19-02) Ġbir ta' Skart Goff**

Is-Sindku qal li din is-sejħa għadha fi proċess ta' evalwazzjoni u propona li għandha ssir laqgħa oħra fix-xahar ta' April 2019 biex il-Kunsill jikkunsidra r-rapport ta' evalwazzjoni ħalli jkun jista' jkompli l-proċess biex tiġi iffinalizzata din is-sejħa.

**56.8 Kuntratt għal Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-kundizzjonijiet li ser jintalbu b'rabta ma' din is-sejħa li ser toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin. Kien hemm qbil li in-numru ta' siegħat mitluba għandu jkun ta' tnax il-siegħa kuljum mit-Tnejn sas-Sibt li jkunu maqsuma fuq żewġ ħaddiema. Il-Kunsill qabel ukoll li f'ċerti toroq jista' jsir knis mekkanizzat għaldaqstant din għandha tiġi nkluża fid-dokument tas-sejħa.

**56.9 Business Plan 2019-2022**

Il-Kunsill approva d-dokument finali tal-Business Plan 2019-2022. Kopja tad-dokument għandha tintbgħat lill-membri kollha tal-Kunsill.

**56.10 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**56.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2019 fil-2.00p.m.

**Konfermati, illum il-Tnejn, 29 ta' April 2019.**

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |